MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 364/2002/1

**Avviz numru 364/02DM**

**Vincent Sammut u Maria Fatima Sammut**

**Vs**

**Chris Bonello f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' CTB Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut pro et noe, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti ammont dovut ghall-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti ta' merkanzija li sar lill-konvenut mill-attur, liema somma baqghet ma thallsietx.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-bejgh kontra l-istess konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew illi:

1. Fl-ewwel lok, l-eccipjent Chris Bonello f’ismu personalment ma kellu l-ebda rapport guridiku ma’ l-atturi, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-makkinarju li kien gie mibjugh mill-atturi ma kienx funzjonabbli kif gie pattwit bejn il-partijiet.
3. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament, u ra l-affidavit esebiti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-provi f’din il-kawza jikkonsistu esklussivament fil-provi li gew prodotti mill-attur, liema provi kkulminaw bil-prezentata ta’ l-iskrittura originali ffirmata bejn il-partijiet u li tirrigwarda l-bejgh in ezami.

F’din l-iskrittura l-konvenut Chris Bonello deher kemm f’ishmu proprju kif ukoll f’isem id-ditta bl-isem ‘CTB Group’ ossija ‘CTB Limited’ billi jikkontesta biss l-involviment personali..

Ghalhekk tirrizulta ampjament ir-relazzjoni guridika bejn il-konvenut personalment u l-atturi u ghalhekk tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Minn dina l-istess skrittura jirrizulta, illi effettivament l-atturi kienu bieghu lill-konvenut f’ishmu proprju u ghall-kumpanija ‘CTB Limited’ il-makkinarju hemm indikat versu l-prezz ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) li kellu jithallas fi zmien sentejn (2) mid-data ta’ l-iskrittura ghalhekk, f’Dicembru, 2001.

Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu l-attur isostni illi biegh ukoll xi vettura lill-konvenut, din il-vettura m'hijiex kompriza fil-lista ta' makkinarju li dwaru sar il-bejgh u ghalhekk il-Qorti mhiex qed tiehu konsiderazzjoni tan-negozju li seta' sar bejn il-kontendenti dwar xi vettura 'Isuzu' li setghet giet konsenjata mill-attur lill-konvenut.

Lanqas ma tista' il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' xi kreditu iehor illi l-atturi jista' ghandhom kontra l-konvenut, billi t-talba taghhom hija limitata ghall-prezz ta' diversi oggetti ta' makkinarju illi l-atturi kienu bieghu lill-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li qed jippretendi li jithallas l-attur *in linea* ta' kera ta' garaxx u li kienu gew imhallsa permezz ta' 'cheque' li in segwitu ma giex imsarraf ghax mhux onorat mill-bank.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu fejn jallega li l-makkinarju li kien gie mibjugh ma kienx funzjonabbli kif gie pattwit bejn il-partijiet, jirrizulta mill-provi illi effettivament dan il-makkinarju kien kollu funzjonabbli, intuza mill-konvenut ghall-perjodu twil u infatti gie trasportat anke minnu fl-esteru fejn kien qieghed jithaddem u ma tezisti ebda prova li tista' tindika xi difett f'xi parti mill-makkinarju mibjugh u kkonsenjat.

Ghaldaqstant filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-prezz tal-makkinarju mibjugh u kkonsenjat mill-attur lill-konvenut kif indikat fl-iskrittura ta' Dicembru, 1999, huwa ta elfejn lira Maltin (Lm2,000) u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-konvenut f'ishmu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija 'CTB Limited' sabiex ihallas l-imsemmija somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) lill-atturi, bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------